Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 410/2015

Il-Pulizja

Spettur James Grech

Vs

Ruth-Mary Baldacchino

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ruth-Mary Baldacchino detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 399772 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-18 t' April, 2011 f' dawn il-gzejjer, hadet gurament falz fi procedure ta' natura civili, meta pprezentat rikors bil-gurament, mahluf fl-istess jum, fil-Qorti Civili (sezzjoni Familja), fl-atti tal-ittra 1295/10 AGR fl-ismijiet Ruth-Mary Baldacchino vs Michael Baldacchino.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Settembru, 2015, fejn il-Qorti sabet lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjubin fil-konfront taghha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' Settembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza

appellata fejn ma sabitx lill-appellata hatja u minflok issibha hatja u tinfliggi piena li hija fil-parametri tal-ligi relevanti kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fil-hdax (11) ta' Settembru elfejn u hmistax (2015) il-Kummisarju tal-Pulizija ntavola nota li kien bi hsiebu jappella mis-sentenza fl-ismijiet premessi u sussewentament fl-erbatax (14) ta' Settembru 2015, l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravate b' tali sentenza in kwantu li l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li ssarfet f' applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta giet biex tiddeciedi l-kaz odjern u dana hekk kif ser jigi spjegat.

Illi in linea preliminari u bla ekwivoku jinghad li ghalkemm l-esponent japprezza d-dettal u l-punti legali li dahlet fihom l-Ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tar-reat ta' spergur, l-esponent Avukat Generali umilment ihoss li meta l-Ewwel Qorti waslet biex tevalwa l-provi prodotti bil-ghan li tiddeciedi l-htija o meno u giet biex tapplika l-elementi relatati mar-reat ta' spergur ghamlet apprezzament zbaljat ta' tali provi ghax skond l-Ewwel Qorti mill-provi prodotti irrizulta li mhux l-elementi kollha kienuprezenti. Huwa appuntu dan ir-ragunament li l-esponent qed jirribatti bil-qawwa ghax appuntu mill-provi prodotti johrog bic-car kemm l-appellata kienet hatja tal-akkuza hekk kif dedotta kontriha u kwindi bil-provi li l-Qorti kellha quddiemha qatt ma setghet ragonevolment u legalment tasal ghal tali verdett u dana ghas-segwenti ragunijiet;

Illi hekk kif spjegat ben tajjeb l-Ewwel Qorti l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' spergur hekk kif dedott kontra l-appellata huma;

1. Ix-xhieda trid tkun moghtija fi procedure civili;
2. Moghtija that gurament moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti;

3. Tali xhieda trid tkun falza f′ materja partikolari u li affetwat id-decizjoni ta′ minn sejjer jiggudikha; u
4. L-volonta′ konxja tal-falzita′ f′ tali xiehda – kwindi l-mens rea.

A skans ta′ ripetizzjoni inutli l-esponent jaghmel referenza ghal analizi kollha u referenzi ta′ kittieba rinomati bhal Antolisei li ghamlet accenn ghalihom l-Ewwel Onorabbli Qorti u ghaldaqstant mhux sejjer joqghod jerga jikkwota l-istess. Illi minn tali qari l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonkludiet li jiehu gurament falz kull min jikkonferma l-falz jew jinnega l-verita u dana b′mod volontarju u bil-konsapevolezza kollha. Fi kliem iehor irid jigi ppruvat l-falz attwali kif ukoll l-mens rea li x-xhud qed jghid il-falz.

**Ix-xhieda trid tkun moghtija fi procedure civili u moghtija that gurament moghti skond il-ligi minn awtorita′ kompetenti.**

Illi madankollu fuq l-element tal-falz materjali u x-xjenza ta′ tali falzita l-Ewwel Qorti kkonkludiet li peress li rrizulta li effetivament kien inqala argument fir-residenza tal-partijiet fejn sahansitra t-tnejn li huma spiccaw l-ghassa u li skond l-Ewwel Qorti rrizulta wkoll li kien hemm paniku gewwa l-ghassa ghalkemm ghal ftit minuti, u li l-appellata kient imwerwra minn zewgha. Illi madankollu skond l-Ewwel Qorti r-rizultat ta′ dan kollu gie rifless f′ dak li qalet fir-rikors mertu ta′ dan l-appell u dana ghax kienet fi stat ta′ paniku u dejjem skond l-Ewwel Qorti ma kienx hemm mens rea li tixhed falz, u in ogni caso l-inezattezzi li kien hemm kienu de minimis u zgur li bla effett ghall-gudikant;

Illi huwa ovvju li l-esponent ikollu jargument u ma jaqbilx bil-qawwa ma dan ir-ragunament li wasslet ghalih l-Ewwel Qorti ghax mill-provi prodotti jirrizulta propju l-oppost. Illi ghal darb′ohra a skans ta′ ripetizzjoni nutli l-esponent jahmel referenza ghall-brani li gew ikwotati u li ttiehdu mid-dokumenti mertu tal-kaz odjern u ghaldaqstant mhux sejjer jerga jikkwotahom f′ dan l-appell. Illi minn qari akkurat tar-rikors odjern johrog bic-car li ghalkemm l-appellata allegat li zewgha kien aggressive maghha kemm f′ darha kif ukoll gewwa l-ghassa tant li meta huma kienu fl-ghassa zewgha kellu jigi mizmum minn erba′ (4) pulizija, jirrizulta ben car u minghajr ombra ta′ dubju li gewwa l-ghassa ta′ Hal Qormi ma garax dak allegat

minnha fid-dokumenti esebiti addittura prattikament sehh l-oppost. Jibda biex jinghad li ghalkemm saret referenza li gewwa l-ghassa kien hemm erbgha (4) ufficjali fil-verita irrizulta li dejjem kien hemm tliet (3) ufficjali tal-Pulizija. Illi in oltre intqal ukoll li malli l-appellata waslet l-ghassa kienet segwitha minn zewgha li kaxkar mieghu liz-zewg uliedu. Fuq dan il-punt l-esponent jirrileva li zewgha stqarr li hu baqa jistenna lil bintu tlesti qabel ma hareg mid-dar u kwindi altru milli kaxkarha. F' dan l-isfond kollu l-esponent isaqsi li jekk verament zewgha seta' kien daqshekk aggressiv maghha u ma bezghatx u ma pprospettatx li zewgha seta' facilmet jerfa' jdejh fuq uliedhom galadarba kien daqshekk aggressive u allura jaghmel sens li uliedhom tfaccaw ma missierhom u mhux maghha gewwa l-ghassa? L-esponent jerga' jsaqsi x' inhi r-raguni li kemm damu gewwa l-ghassa uliedhom bqaghu dejjem ma' missierhom u mhux maghha? Jaghmel sens dan kollu? Illi l-appellata kompliet li meta kienu l-ghassa zewgha qajjem pandemonju bl-ghajjat u theddid tant li kellu jigi mizmum fizikament biex ma jerfghax idejh fuqha jew fuq Elton Penza li jigi huha. Ghal darb'ohra mix-xhieda prodotta jirrizulta li dina kienet gidba ohra grossolana ghax ix-xhieda kollha stqarru li zewgha Michael Baldacchino baqa' l-hin kollhu kalm u l-unika moment li deher daqxejn agitat u kommoss kien malli wasal l-ghassa peress li xtaq u nsista mal-ufficjal li kien hemmprezenti u cioe WPC 319 Anne Marie Scerri li tiehu stqarrija tieghu l-ewwel flok ta' martu. Hawnhekk l-esponent jerga' jsaqsi hekk dan l-attegjament ta' zewgha jissarafxf' tant paniku, li ghamlet riferenza ghalih l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decide, u li tant kemm l-appellata kienet ippanikkjata ma kienetx preciza f'dak li qalet? Dana qed jinghad ghax jirrizulta ampjament li kemm-il darba nholoq dan il-paniku dan zgur li ma kienx tort zewgha izda mertu tal-attegjament aggressive ta' missier l-appellata tant li l-pulizija kellha zzomm u twissi lil missier l-appellata u mhux lil zewgha biex ma jibqghax jghajjat u jkun aggressive, fejnta' min jghid li sa dak il-hin zewgha kien ghadu go karma ohra flimkien ma uliedu u f' ebda stadju ma kkonfronta la lilha wisq aktar lill-familjari taghha. Illi di piu f' dokument mmarkat Dok BR l-appellata stqarret li kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali wara theddid u vjolenza mill-ahrax u dan seta' jigi kkonfermat minn diversi ufficjali tal-ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi li raw lil Michael Baldacchino jagredixxiha. X' qalulna x-xhieda kollha li

kienu prezenti hemmhekk? Li fl-ebda mument ma zammew lil zewgha jew li zewgha pprova jaggredixxi kemm lilha jew lil huha.

Illi invista tas-suespost johrog bic-car kemm l-appellata stqarret il-falz ghal bosta drabi fejn jidher kristallizzat ukoll kemm kienet ben konxja ta' dak li kienet qed tallega dwar il-karattru xejn ezemplari u rafrettarju ta' zeqgha u dan ghal ghan li hi biss taf ghalfejn ghamlitu. Madankollu u fi kwalunkwe kaz jidher bic-car li l-appellata ghamlet dan sempliciment ghax hekk riedet taghmel u mhux ghax kienet konfuza jew agitate. In oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jinsab cert li l-appellata ghamlet tali dikjarazzjoni fejn holqot din il-messa in scena bil-ghan ewlieni li tikkaguna hsara lil zewgha u zgur li tali diskrepanzi ripetuti li jinsabu fid-dokumenti relattivi ma jistghux jigu klassifikati bhala de minimis ghax tali dikjarazzjonijiet zgur li hallew effett u impatt negattiv fuq il-Qrati Civili li kellhom jiggudikaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom senjament ta' kustodja w access ghal uliedhom;

Illi l-esponent qatt ma jista' jaqbel mar-ragunament tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn qalet li l-appellata ghamlet dawn l-inezattezzi kollha li skontha kienu minimi peress li kienet fi stat ta' paniku u dana qed jinghad b' responsabbilita' ghax johrog bic-car mix-xhieda prodotta li aktar deher kommoss ir-ragel milli l-appellata kif ukoll ghax hareg bic-car li, kemm damet gewwa l-ghassa, l-appellata ma kellhiex ghalfejn tippanikkja ghax is-sitwazzjoni dejjem kienet taht il-kontroll taghha u sa certu punt kwieta u l-paniku, ghajjat u storbju beda mal-mument li fegg missierha u kemm il-darba dan tal-ahhar qajjem paniku zgur li ma affettwax lilha ghax semmai missierha kien qed jaqbez ghaliha u mill-provi ma deherx li kien qed jehoda kontriha;

Illi l-Qorti tghid li l-appellata ma kellhiex l-mens rea li tixhed il-falz fuq zewgha, fic-cirkostanzi u mill-provi li hemm annessi fl-atti processwali huwa difficli ferm ghall-esponent li jaccetta tali ragunament. Dato ma non concesso li persuna titfixkel u tghid li kien hemm erba' minn nies flok tlieta wiehed jista' jikkoncedih izda fuq l-istess premessa li persuna tigdeb u tghawweg il-fatti sempliciment ghax kienet ippanikjata jew bezghana assolutament ma jaghmilx sens. Fl-opinjoni umli tal-esponent, ikun qed jonqos jekk ma jappellax minn tali ragunament u decizjoni ghax

mill-provi prodotti jidher bic-car li l-appellata xjentament gidbet fuq zewgha bil-ghan li tikkagunalu hsara;

Illi in vista tas-suespost u tenut kont tax-xhieda kollha prodotta l-esponent umilment jhoss li l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova kemm l-falz attwali kif ukoll l-mens rea tax-xhieda falza.

Ikkunsidrat,

Illi l-ilment ewelieni imressaq 'il quddiem mill-Avukat Generali jiffokka fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha billi jishaq illi dan l-apprezzament kien wiehed erronju. Dan ghaliex jishaq illi kellu jirrizulta illi meta l-appellata ressqet rikors guramentat quddiem il-Qorti Civili fejn allegat li zewgha kien aggressiv maghha f'incident partikolari fejn kellha tirrikorri lejn l-ghassa tal-pulizija ghall-assistenza, hija xehdet il-falz b'mod intenzjonali u dan sabiex tinfluwixxi fuq id-decizjoni ta' min hu imsejjah biex jiggudika fuq is-sitwazjoni matrimonjali taghha u ta'zewgha u talbiet ancillari marbuta mat-trobbija ta' binhom minuri.

Illi l-azzjoni penali ghar-reat ta'l-ispergur a tenur ta'l-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali u cioe' r-reat hekk ismejjah *judicial jew legal perjury,* jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. Illi l-artikolu 106 jitkellem dwar l-ispergur fil-kawzi civili li jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz.

Dana ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura ta'l-affidavit li issa saret parti mil-ligi proceduralі taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

*"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."*[1]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta it-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' iwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Illi madanakollu il-falsita oggett tar-reat, trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza**. Il-Mamo ighid: "*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist.*" Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "*Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute* ***siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa***." (sottolinjar tal-Qorti).

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: "*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted.*"

Illi allura dak li ghandu ikun determinanti f'gudizzju dwar ir-reat ta'l-ispergur huwa b'mod ewlieni jekk dak mistqarr mix-xhud huwiex fatt determinanti u materjali ghall-ezitu tal-kawza u jekk tirrizultax l-intenzjoni kriminuza.

---

[1] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

Illi il-fatt inkriminanti li wassal ghal dawn il-proceduri kien rikors guramentat imressaq quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fejn l-appellata kienet qed tressaq diversi talbiet *pendent lite* u dan sabiex zewgha jigi allontat mid-dar matrimonjali, hlas ta' manteniment u il-kura u il-kustodja ta' binhom minuri. Illi f'dan ir-rikors, fost fatti ohra, issemmi incident fejn inqala' disgwid bejn il-koppja u l-appellata irrikorriet l-ghassa tal-pulizija ghaliex allegat li zewgha kien hebb ghaliha u heddidha. Tkompli tghid illi zewgha sewgieha gewwa l-ghassa tal-pulizija fejn hija kellha tikseb il-protezzjoni minn ghand il-pulizija prezenti billi zewgha baqa' aggressiv fil-konfront taghha. Illi l-parte civile izda jinnega illi dak allegat minn martu sehh u allura jinsisti illi hija hadet gruament falz fuq dawn il-fatti li allegatament sehhew fl-ghassa tal-Pulizija u abbazi ta' dan ittiehdu il-proceduri odjerni fil-konfront ta'l-appellata. Illi mill-atti jirrizulta illi l-parte civile Michael Baldacchino inghata l-opportunita fil-Qorti Civili iwiegeb ghal dawn l-allegazzjonijiet maghmula minn martu. Izda ma jirrizultax mill-atti x'kien l-ezitu ta' dan ir-rikors ghalkemm jigu ipprezentati rikorsi u risposti ohra fosthom il-kopja legali tar-rikors promotur li permezz tieghu gew intavolati il-proceduri tas-separazjoni bejn il-ko-litigandi. Johrog mill-atti ukoll illi fil-mori tal-kawza il-partijiet iffinalizzaw is-separazzjoni ta' bejniethom fejn allura il-parti leza Michael Baldacchino iddikjara fis-seduta tal-05 ta' Frar 2015 illi huwa kien qieghed jahfer lill-appellata ghal dan l-incident u iddikjara li ma kellux aktar interess f'dawn il-proceduri. Dan ifisser necessarjament illi ma hemmx prova fl-atti illi dak dikjarat mill-appellata fir-rikors mertu ta' din il-vertenza kellu xi effett determinanti fuq l-ezitu tal-kawza bejn il-koppja. Ghal ta'l-inqas prova f'dan ir-rigward ma hemmx u allura din il-Qorti hija ghal kollox perplessa kif l-Avukat Generali ghogbu iressaq dan l-appell meta ma hemmx l-icken prova in atti illi l-fatti kif dikjarati mill-appellata setghu kellhom xi effett fuq xi gudizzju konnessi mal-proceduri civili pendenti bejn din il-koppja. Illi allura kif ben tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti l-fatti kif rapportati mill-appellata fir-rikors guramentat, ghalkemm setghu jikkontenju xi inezattezzi, madanakollu ma iwasslux necessarjament ghal dikjarazzjoni ta' htija ghar-reat lilha imputat. Dan ghaliex fl-ewwel lok, hija nieqsa l-prova illi l-appellata iddikjarat il-fatti inkriminanti volutament u inoltre lanqas hemm prova illi dawn il-

fatti hekk iddikjarati kienu determinanti fuq xi gudizzju milhuq mill-Qorti Civili billi lanqas hemm prova illi fil-fatt seta' kien hemm tali gudizzju.

Issa ma huwiex kompitu ta' din il-Qorti, u tal-Qorti tal-Magistrati qabilha, li tindaga dwar ir-rilevanza o meno ta' xhieda jew fatti dikjarati taht gurament f' kawza ohra u dan meta dik il-kawza ghadha ma gietx konkluza u lanqas hemm prova li fil-fatt giet konkluza, kif inghad, billi jidher illi l-partijiet ittransigew id-differenzi ta' bejntiehom b'mod amikevoli. Fuq kollox kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, kunflitt fil-provi ma ifissirx necessarjament illi xi hadd qieghed jigdeb ghaliex kull xhud ighid dak li huwa jippercepixxi bis-sensi tieghu kif gara f'dan il-kaz. Alla hares kull kunflitt fil-provi jissarraf fil-prosekuzzjoni ghal reat ta' spergur. Fuq kollox l-parti leza kellu ir-rimedju li iwiegeb ghal dak dikjarat mill-appellata f'dan ir-rikors u iressaq kull xhieda in konnessjoni ma'l-istess kif fil-fatt jidher illi ghamel fir-risposta tieghu ghal dan ir-rikors.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha titbieghed mir-ragjonament ghaqli milhuq mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha.

Illi fuq kollox il-qrati civili bis-setgha moghtija lilhom fl-artikolu 601 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jordnaw li jittiehdu dawk il-passi kollha necessarji skont il-ligi kontra kull min fid-diskrezzjoni taghhom jidhrilhom illi ikunu qed jixhed jew jiddikjara il-falz taht gurament.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur